# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2020.**

**Numru 3**

**Rikors numru 99/2020 fl-atti tal-appell numru 385/2019**
**fl-ismijiet**

***Sultech & Co* (P-1477)**

***v.***

**Ministeru għal Għawdex, Direttorat**
**għall-Iżvilupp Reġjonali EkoGħawdex, u**
**Anthony Mercieca**

1. Dan il-provvediment huwa fuq rikors ta' *Sultech & Co* ["*Sultech*"] tal-4 ta' Ġunju 2020 wara sentenza mogħtija minn din il-qorti fid-9 ta' Marzu 2020. Dik is-sentenza kienet fuq appell ta' *Sultech* minn deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2019 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbiku [L.S. 601.03]. Il-każ quddiem il-Bord ta' Reviżjoni kien dwar oġġezzjoni ta' *Sultech* kontra deċiżjoni tal-Ministeru għal Għawdex ["il-

Ministeru"] illi jwarrab offerta ta' *Sultech* u jilqa' dik ta' Anthony Mercieca ["Mercieca"] għal "*framework agreement for the provision, maintenance and regular collection of open skips at various sites in Gozo*". Is-sentenza ta' din il-qorti tad-9 ta' Marzu 2020 tgħid hekk fil-parti dispositiva tagħha:

> »… … … tħassar id-deċiżjoni tal-kumitat tal-għażla illi l-kuntratt jingħata lil Mercieca u tħassar ukoll id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla, b'dan illi fiċ-ċirkostanzi d-depożitu mħallas minn *Sultech* sabiex setgħet tressaq l-oġġezzjoni tagħha quddiem dak il-bord għandha tintradd. Tordna illi l-proċess tal-għażla jsir mill-ġdid wara li l-kumitat tal-għażla jitlob u jingħata t-tagħrif meħtieġ kif imfisser fuq«

2. It-"tagħrif meħtieġ" kien dwar in-natura tar-relazzjoni legali bejn Mercieca u ibnu u dwar *contingency arrangements* li kellu Mercieca.

3. Wara li l-proċess tal-għażla sar mill-ġdid l-awtorità kontraenti fil-11 ta' Mejju 2020 għarrfet lil *Sultech* li l-offerta tagħha għal darba oħra ma kinitx sejra tintlaqa' u li kienet sejra tintlaqa' dik ta' Mercieca.

4. Fil-21 ta' Mejju 2020 *Sultech* ressqet oġġezzjoni kontra d-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti quddiem il-Bord ta' Reviżjoni u dakinhar ukoll b'rikors quddiem il-bord talbet li tingħata kopja tal-*evaluation report* li wassal għall-għażla. Tgħid illi dan ir-rapport talbitu biex tara li "dak li kien ordnat fis-sentenza [tad-9 ta' Marzu 2020] kien hemm ottem-peranza sħiħa lejh". Fit-3 ta' Ġunju 2020 *Sultech* ġiet mgħarrfa li t-talba tagħha biex tingħata kopja tal-*evaluation report* ġiet miċħuda.

5. *Sultech* għalhekk fl-4 ta' Ġunju 2020 ippreżentat ir-rikors li dwaru qiegħed jinħgata dan il-provvediment u talbet illi l-qorti:

»1. tordna li l-Bord ta' Reviżjoni tal-Kuntratti Pubblici jissospendi smigħ tal-każ;

»2. tordna lill-intimat *cioè* l-Ministeru għal Għawdex (u/jew il-bord tal-evalwazzjoni u/jew l-Unità Ministerjali għall-Akkwist) biex jipprovdu s-soċjetà esponenti kopja tal-*Evaluation Report* u kwal-sijasi rapport iehor redatt in konnessjoni mal-istess, biex jkun assigurat li dak li kien ordnat fis-sentenza ta' din il-qorti kien hemm ottempranza sħiħa lejh;

»3. ttordna li l-process tal-evalwazzjoni ssir mill-gdid *ai termini* tas-sentenza ta' din l-onorabbli qorti;

»4. tipprefiġġi terminu sabiex l-intimati *cioè* l-Ministeru għal Għawdex (u/jew il-bord tal-evalwazzjoni u/jew l-Unità Ministerjali għall-Akkwist) jesegwixxu dan a spejjeż tagħhom.«

6. *Sultech* tfittex li tiġġustifika t-talba tagħha billi tgħid illi, meta sar l-ewwel proċess ta' evalwazzjoni (dak li tħassar bis-sentenza tad-9 ta' Marzu 2020), kienet saritilha talba għal kjarifika, u din il-kjarifika kienet ingħatat. Meta reġa' sar il-proċess ta' evalwazzjoni din il-kjarifika ma reġgħetx intalbet, li jfisser, tgħid *Sultech*, li l-proċess ma sarx kollu mill-ġdid, u għalhekk trid kopja tal-*evaluation report* għax "mhix teskludi li hemm materji oħra li jistgħu jirriżultaw mill-*evaluation report* u jikkonfermaw li fuq stanzi [*sic*] oħra ma kienx hemm ottemperanza mal-ordnijiet oħra ta' din il-qorti".

7. Dan l-argument huwa fieragħ u joqrob lejn l-assurd. Dak li ġà ġie kjarifikat ma hemmx għalfejn jiġi kjarifikat mill-ġdid, u ma kien hemm ebda ħtieġa li l-kumitat tal-għażla jitlob li jingħata tagħrif li ġà ngħata lilu. Dan ma jfissirx li l-proċess ta' evalwazzjoni ma sarx mill-ġdid, u fl-argumenti mressqa minn *Sultech* ma ntwera xejn li f'dan l-istadju joħloq suspett raġonevoli li l-proċess ma sarx kif imiss. Ċertament, in-nuqqas tal-kumitat li jerġa' jitlob tagħrif li ġà ngħatalu ma joħloqx dak is-suspett.

8. Barra minn hekk, ir-reg. 17 tal-L.S. 601.03 igħid ċar illi r-rapport ta' evalwazzjoni jingħata lill-awtorità kontraenti u mhux lill-oblaturi. Dan hu biżżejjed biex it-talba għal kopja tar-rapport tkun miċħuda.

9. Fil-fehma ta' din il-qorti r-rikors ta' *Sultech* huwa vessatorju, imsejjes fuq allegazzjonijiet fiergħa u maħsub biex jarena l-proċess tal-għoti tal-kuntratt.

10. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talbiet magħmula fir-rikors u tikkundanna lil *Sultech* tħallas l-ispejjeż relativi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm